**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 28 ta' Novembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**Edwin Zaffarese**
**(ID 476443(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Edwin Zaffarese ta' 47 sena, bin Joseph u Carolina nee` Giglio, imwieled iz-Zejtun fid-19 ta' Lulju 1943 u joqghod 'Kiron', White Friars Street, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 476443(M):

Akkużat talli f'dawn il-gżejjer, matul dawn l-aħħar snin, fil-kariga tiegħu ma' Calypso Clothing Co. Ltd, b'diversi azzjonijiet magħmula fi żminijiet differenti u b'riżoluzzjoni waħda, bħala persuna li jħaddem u/jew manager u/jew uffiċjal prinċipal ieħor u/jew pagatur u għaldaqstant il-persuna responsabbli skond l-Artiklu 37(1) tal-Att dwar it-taxxa fuq l-'Income', Kap. 123 (hawn iżjed il-quddiem imsejjaħ l-"Att") u r-regola 28 tar-Regoli tal-1972 dwar Tnaqqis ta' Taxxa (PAYE) (hawn iżjed il-quddiem imsejha "ir-Regoli"), wara li tħallsu emolumenti taxxabbli taħt l-Artiklu 5(1)(b) u/jew (e) ta' l-Att bi ksur tad-dispożizjonijiet li ser jissemmew:

(a) naqas milli jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fi żmien preskritt:

(i) it-taxxa mnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut jagħmel skond l-Artiklu 55(1) ta' l-Att u ir-Regola 12(1)(a) tar-Regoli;

(ii) il-prospett/i dettaljat/i skond l-Artiklu 55(2) ta' l-Att u r-Regola 12(1)(a) tar-Regoli.

U dan in-nuqqas sar matul il-perjodu 1987: Ġunju u Lulju; 1998: Frar sa Diċembru; 1989: Jannar sa Ottubru u għar-rigward tas-somma ta' Lm17,626.67,6;

(b) appropja ruħu, billi dawwar għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' Lm17,626.67,6 li huwa żamm taħt titlu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9 u dan għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u ta' diversi mpjegati ta' Calypso Clothing Co. Ltd.

Il-Qorti ġiet mitluba illi, barra milli tinfliġġi l-pieni preskritti fil-paragrafu (a) tas-subartiklu (9) ta' l-Artiklu 55 ta' l-Att, tordna lill-imputat illi jottempera ruħu mal-Ligi.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li m'huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu, kif ukoll in-Nota tal-Avukat Ġenerali tat-8 ta' Marzu 1993, li permezz tagħha, huwa dehrlu li tista' tinstab ħtija taħt dak li hemm maħsub fis-segwenti artikoli tal-liġi:

a) Fl-Artikoli 37(1), 55(1)(2) u 55(9)(a) tal-Kap. 123;
b) Regolamenti 12(1)(a) u 28 tar-Regoli tal-1972 dwar it-tnaqqis tat-Taxxa (P.A.Y.E);
c) Fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ukoll illi waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 1993, l-imputat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ġudikat minn din il-Qorti, fil-kompetenza tagħha surreferita;

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi mressqa fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

Rat illi minkejja illi din il-kawża tirrigwarda reati li allegatament seħħew fis-snin 1987, 1988 u 1989, l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, ġiet miżmuma fit-8 ta' April 2013 u dan wara li l-Maġistrat sedenti ġiet assenjata din il-kawża bis-saħħa ta' digriet tal-assenjazzjoni tad-doveri datat .

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: L-imputat Edwin Zaffarese kien għamel xi żmien jippresta s-servizzi tieghu ta' *sales representative* lill-kumpanija Calypso Clothing Co. Ltd. meta fis-16 ta' Frar 1987 kien ġie maħtur sabiex iservi bħala direttur tal-istess kumpanija flimkien ma' ċertu John Gauci. L-azzjonisti ta' din il-kumpanija kienu għadd ta' persuni ta' nazzjonalita` Taljana u n-negozju tagħha kien jikkonsisti fil-manifattura ta' tessuti fuq ordnijiet li l-kumpanija kienet tirċievi mingħand l-istess azzjonisti. Dawn it-tessuti, imbagħad, kienu jiġu esportati barra minn Malta. Il-ħlas għax-xogħol li kien jiġi esegwit f'Malta, kien isir barra minn Malta, ġewwa kont bankarju fl-Isvizzera. L-azzjonisti Taljani kienu jibagħtu flejjes lejn Malta sabiex minnhom ikunu jistgħu jitħallsu l-pagi tal-impjegati tal-kumpanija. Fi kliem **John Gauci**, direttur tal-kumpanija flimkien mal-imputat fiż-żmien in kwistjoni: "*In rigward il-pagi tal-ħaddiema, konna nħallsuhom aħna bħala diretturi, qed nirreferi għalija u għall-akkużat, minn flus li konna nirċievu minn barra. Hawnhekk nixtieq ngħid illi l-azzjonisti kienu jafu kemm kien l-ammont kollu dovut bħala pagi, pero qatt ma bgħatulna l-ammont kollu dovut. Fil-fatt, dawn kienu jibagħtu eżattament il-pagi tal-ħaddiema, mingħajr ma jkun hemm inkluż la l-Pay As You Earn u lanqas in rigwar[d] il-bolla. Ġieli jien u l-akkużat bqajna mingħajr paga jew salarju.*"[1] B'riżultat ta' dan, il-kumpanija ma kinetx dejjem f'qagħda li tħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dik is-somma li kienet qegħda tigi mnaqqsa mill-pagi mħallsa lill-impjegati.

[1] Ara x-xhieda ta' John Gauci, a fol. 128 tal-process.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni **Joseph Cole** li, fis-seduta tat-12 ta' April 1991, xehed illi skont ir-Regoli tal-PAYE viġenti fiż-żmien li allegatament twettqu r-reati addebitati lill-imputat, id-diretturi ta' kumpanija kienu personalment responsabbli għall-ħlas dovut ai termini tal-istess Regoli. Huwa xehed ukoll illi skont ir-rekords tad-Dipartiment, is-somma komplessiva li kellha titħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in kwantu PAYE, iżda li baqgħet ma tħallistx, kienet fis-somma ta' Lm17,626.67,6 u dan għall-perjodu ta' bejn Ġunju u Lulju 1987 fis-somma ta' Lm2,029.53,5, ghall-perjodu ta' bejn Frar u Diċembru 1988 fis-somma ta' Lm9,822.1,5 u ghall-perjodu ta' bejn Jannar u Ottubru 1989 fis-somma ta' Lm5,775.

In sostenn tal-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet għadd ta' persuni li fiż-żmien relattiv kienu mpjegati tal-kumpanija Calypso Clothing Co. Ltd. Dawn ix-xhieda, u ċioe` **Catherine Schembri**, **Raymond Azzopardi**, **Jane Mizzi** u **Alexander Gauci** ilkoll ikkonfermaw illi huma kienu jirċievu l-pagi tagħhom permezz ta' *cheque* flimkien ma' *pay slip*, u li mill-paga lilhom dovuta kien isir tnaqqis rappreżentanti taxxa u bolol. Dawn ix-xhieda żiedu jgħidu illi dawn ic-*cheques* kienu jkunu ffirmati mill-imputat Edwin Zaffarese u mid-direttur l-iehor John Gauci, dan b'differenza tax-xhud **Emmanuela Zammit** li tgħid li l-paga kienet tingħata lilha mid-direttur Piju Spiteri, u li lill-imputat hija ma kinitx tafu bħala direttur. Dan huwa spjegabbli mill-fatt illi l-istess xhud tgħid ukoll illi hija spiċċat mill-impjieg tagħha fuq bażi *full-time* mal-istess kumpanija f'Lulju tas-sena 1986, u kompliet taħdem fuq bażi *part-time* sa bejn wieħed u ieħor Frar 1987. Ghalhekk, jirriżulta illi din ix-xhud ma kinitx għadha impjegata mal-kumpanija fiż-żmien illi l-imputat sar direttur tagħha.

Il-Qorti kkunsidrat wkoll id-depożizzjoni ta' **John Gauci** flimkien ma' dik ta' l-imputat **Edwin Zaffarese** li kkonfermaw bil-ġurament tagħhom illi l-ħlas rappreżentanti l-valur tal-merkanzija esportata mill-kumpanija kienet tigi riċevuta f'kont bankarju fl-Isvizzera. Iżidu jgħidu illi l-azzjonisti kienu ta' kull xahar jibagħtulhom flus sabiex minnhom l-kumpanija tħallas il-pagi dovuti lill-impjegati, iżda l-kumpanija ma kinitx tirċievi ammonti suffiċjenti sabiex jithallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, skont il-ligi, dak li jkun tnaqqas mill-pagi tal-impjegati.

Mix-xhieda ta' **Anthony Zarb** in rappresentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, jirriżulta illi l-imputat Edwin Zaffarese kien jokkupa l-kariga ta' direttur tas-

soċjeta' Calypso Clothing Co. Limited mis-16 ta' Frar 1987 u li fil-ġurnata li huwa xeħed, u ċioe` fis-26 ta' Lulju 1991, huwa kien għadu jokkupa din l-istess kariga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra qabel xejn il-kwistjonijiet ta' indoli legali li d-difiża qajjmet fit-trattazzjoni tal-kawża.

Fl-ewwel lok, id-difiza teċepixxi n-*ne bis in idem* u dan, fil-fehma kurata tal-istess difiża, għas-segwenti raġuni:

> *"kien hemm żewġ diretturi u direttur wieħed weħel fuq dawn l-akkużi. Biex id-direttur l-ieħor jeħel ukoll fuq l-istess akkuża tiġi kkundannat darbtejn fuq l-istess charge".*

L-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew indirizzati f'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, fosthom dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Azzopardi** tat-23 ta' Jannar 2014, fejn fiha ġie spjegat illi:

> "*Il-prinċipju ta' ne bis in idem huwa rikonoxxut u trattat fil-Liġi tagħna fl-Artiklu 527 tal-Kodici Kriminali u fl-Artiklu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Artiklu 527 jgħid, "Wara Sentenza li f'kawża tillibera mputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra". L-Artiklu 39(9) jgħid, "Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi Qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħet tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' Qorti Superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' riviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għall-reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat . . . .".*

Eżami akkurat ta' dan il-prinċipju sar ukoll minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-proċeduri li taw lok għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et**, deċiża fil-5 ta' Novembru 2012. Il-Qorti rriteniet hekk dwar l-applikazzjoni tan-*ne bis in idem*:

> *"... l-Kodici Kriminali jippostula zewġ elementi importanti: fl-ewwel lok, irid ikun hemm sentenza fejn l-imputat jiġi liberat mill-akkużi u, fit-tieni lok, illi **l-istess persuna** ma tiġix sottoposta għal proċeduri ġodda dwar l-istess "fatt" (u mhux l-istess "reat")* [sottolinear u enfasi ta' din il-Qorti].

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai Christian) Magrin** datata 26 ta' Marzu 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) qalet is-segwenti:

> *"... l-prinċipju tan-ne bis in idem imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom fl-ewwel process.*
>
> *... omissis ...*
>
> *Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqies li jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża ohra **trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura** u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.*"

Mingħajr ma tiddilunga wisq fuq din l-eċċezzjoni b'referenza ghall-mertu tal-proċeduri odjerni, huwa evidenti illi l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* tapplika biss fejn u meta **l-istess imputat** li jkun ġie misjub ħati jew liberat minn akkużi miġjuba kontra tiegħu jerġa' jinġieb quddiem il-Qorti akkużat bl-istess reat jew dwar l-istess fatt. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax illi l-imputat odjern tressaq quddiem xi Qorti oħra akkużat bir-reati li bihom qiegħed jigi addebitat permezz tal-proċeduri penali odjerni. Is-sottomissjoni li n-*ne bis in idem* tista' titħaddan favorevolament mill-imputat a bażi tal-fatt illi direttur ieħor tal-istess kumpanija nstab ħati tal-istess reati li bihom qiegħed jiġi addebitat l-imputat odjern ma jreġix u fil-fehma tal-Qorti tirripunja l-intelliġenza.

Fit-tieni lok, id-difiża tissottometti illi l-bolol huma privileġġati u li għalhekk min kellu nteress seta' ntavola proċeduri sabiex dawn jitħallsu mill-assi li seta' kellha l-kumpanija. B'hekk huwa sottomess in linja difensjonali, illi l-proċeduri kriminali mhumiex ta' utilita`. Il-Qorti tqis f'dan ir-rigward illi din il-linja difensjonali ma

ssib ebda konfort fil-liġi, mhux inqas għaliex l-Artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi:

> (1) *Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.*
>
> (2) *L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.*
>
> (3) *L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat.*

Huwa għalhekk bil-wisq evidenti illi kemm il-darba jirriżultaw sodisfatti l-elementi materjali u formali tar-reat, kwalkwe ħlas li seta' sar jew li jista' jsir mill-imputat jew mill-kumpanija li tagħha l-imputat kien direttur, la kien ser ikollu u lanqas jista' jkollu l-effett li jiskrimina lill-imputat. Din il-linja difensjonali għalhekk ma għandha ebda effett fuq il-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-imputat odjern.

Fit-tielet lok, id-difiża tilmenta dwar dewmien fil-proċeduri u saħansitra taddebita dan id-dewmien lill-Prosekuzzjoni. Apparti li d-dewmien fil-maġġor parti tiegħu ma kienx imputabbli lill-Prosekuzzjoni, dan ma jimpinġix, la b'mod pożittiv u lanqas b'mod negattiv, fuq l-addebiti fil-konfront tal-imputat u s-sussegwenti sejbien ta' htija o meno tal-istess imputat, sakemm ma jsirux emendi fil-liġi li jistgħu jiffavorixxuh. In oltre tali dewmien, kemm il-darba ma jkunx imputabbli lill-istess imputat semmai jista' jiġi rifless fil-piena f'każ ta' ħtija.

## <u>L-Imputazzjoni (a)</u>

Sorvolati l-eċċezzjoni u s-sottomissjonijiet tad-difiża, il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex tikkunsidra l-kawża fil-mertu.

Ikkunsidrat illi l-imputat f'din l-istanza qiegħed jiġi akkużat talli huwa allegatament naqas milli jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fiż-żmien preskritt:

(i) It-taxxa mnaqqsa mill-istess emolumenti kif tenut jagħmel skont l-Artikolu 55(1) tal-Att u skond ir-Regola 12(1)(a) tar-Regoli; u

(ii) Il-prospetti dettaljati skont l-Artikolu 55(2) ta' l-Att u skond ir-Regola 12(1)(a) tar-Regoli.

Illi r-responsabilita` ta' uffiċjali tal-korp ta' persuni kien fiż-żmien relattiv mertu tal-Artikolu 37(1) ta' l-Att tal-1948 dwar it-Taxxa fuq l-Income, liema artikolu kien jiddisponi hekk:

> *"Il-manager jew funzjonarju prinċipali ieħor ta' kull korp ta' persuni jkun responsabbli għall-għemil ta' dawk l-atti, affarijiet u ħwejjeġ kollha illi huma meħtieġa li jsiru bis-saħħa ta' dan l-Att għall-istima tat-taxxa ta' dak il-korp u ghall-hlas taghha."*

Ikkunsidrat ukoll illi r-Regola 28 tal-Regoli dwar Tnaqqis ta' Taxxa (P.A.Y.E.) (L.S. 123.02), promulgati permezz tal-Avviz Legali 79 tal-1972, liema Regola jirriżulta, min-noti marġinali tagħha, illi qatt ma ġiet emendata mid-dħul fis-seħħ tagħha, tipprovdi illi:

> *"Il-manager jew kull uffiċjal prinċipali ieħor ta' kull korp ta' persuni jkollu jirrispondi personalment għal dak kollu li hu meħtieġ li jsir skond dawn ir-Regoli mill-korp ta' persuni."*

Illi peress illi jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji illi l-imputat kien direttur tas-soċjeta` Calypso Clothing Co. Limited fiż-żmien li allegatament ġie mwettaq ir-reat, u għalhekk uffiċjal prinċipali tal-istess soċjeta`, huwa ċar illi l-imputat jirrispondi personalment ghan-nuqqasijiet lilu addebitati permezz ta' dawn il-proċeduri kemm il-darba jirriżulta, fil-grad rikjest mil-liġi, dak allegat mill-Prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Artikolu 55(1) ta' l-Att tal-1948 dwar it-Taxxa fuq l-Income fiż-żmien relattiv kien jgħid is-segwenti:

> *"55(1) Meta xi persuna tħallas xi income taxxabbli taħt il-paragrafu (b) jew (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' dan l-Att, hi għandha, fil-ħin tal-ħlas, jew tnaqqas jew ma tnaqqasx it-taxxa minnu kif jista' jiġi preskritt u b'dak il-mod li jista' jiġi preskritt; u kull taxxa hekk imnaqqsa għandha tintbagħat lill-Kummissarju b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li jiġi preskritt."*

Dan filwaqt li l-Artikoli 5(1)(b) u 5(1)(e) kienu jgħidu hekk:

*"5(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, it-taxxa fuq l-income għandha titħallas bir-rata jew rati speċifikati hawn taħt għas-sena ta' stima li tibda mill-ewwel ta' Jannar 1949 u għal kull sena sussegwenti ta' stima fuq l-income ta' kull persuna li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra u sew jekk jaslu Malta jew le dwar –*

…

*(b) qligħ jew profitti minn xi impieg jew kariga, magħdud il-valur annwali stmat ta' kull post ta' tagħmir, ta' ikel jew ta' residenza (wara li titqies, fil-kazi li l-post ta' tagħmir, ta' ikel jew ta' residenza mhumiex b'xejn, kull somma mħallsa jew li għandha titħallas bħala kera, kontribuzzjoni jew xort'oħra għal dak il-post ta' tagħmir, ta' ikel jew ta' residenza);*

…

…

*(e) pensjoni, "charge" jew somma fis-sena jew ħlas fis-sena.*"

L-Artikolu 55(2) tal-istess Att kien jgħid hekk:

*"L-ammont ta' taxxi mibgħuta kif imsemmi ta' dan l-Artikolu għandhom fil-każijiet kollha jintbagħtu lill-Kummissarju flimkien ma' dawk id-dettalji li bihom jintgħarfu sewwa u min jonqos li jagħti dawk id-dettalji fiż-żmien preskritt jeħel penali sa massimu ta' Lm10 għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas."*

Ir-Regola 12(1)(a) tar-Regoli fuq imsemmija, imbagħad, tipprovdi illi:

*"Kull pagatur għandu jibgħat prospett lill-Kummissarju (inkluż prospett nil), fuq il-formula approvata minnu, sa l-għaxar ġurnata ta' kull xahar li jkun fiha d-dettalji li ġejjin dwar kull payee li lilu jkunu tħallsu l-emolumenti darba jew iktar matul ix-xahar ta' qabel - (i) l-isem sħiħ u l-indirizz; (ii) l-emolumenti gross imħallsa matul ix-xahar ta' qabel; (iii) ir-rata ta' taxxa li għandha titnaqqas; (iv) it-taxxa, jekk ikun hemm, imnaqqsa matul ix-xahar ta' qabel; u (v) kull dettalji jew informazzjoni oħra li l-Kummissarju jidhirlu meħtieġa. It-taxxa totali li kellha titnaqqas matul l-imsemmi xahar ta' qabel kif murija fuq l-imsemmija prospett, nieqes kull ammont imnaqqas skond il-paragrafu*

> *(b), għandha tiġi rimessa lill-Kummissarju flimkien mal-prospett. Dak il-prospett għandu jintbagħat fuq il-formula mogħtija jew approvata mill-Kummissarju."*

Il-Qorti tibda billi tqis illi fi proċeduri penali jispetta lill-Prosekuzzjoni illi ġġib dawk il-provi li hija jidhrilha xierqa u opportuni in sostenn tal-akkużi li jinġiebu fil-konfront tal-imputat, liema provi għandhom ikunu ta' tali portata li jeliminaw f'moħħ min irid jiġġudika kull dubbju dettat mir-raġuni, dwar il-htija tal-imputat. Fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ma jibqgħalhiex għażla għajr li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, in omaġġ tal-prinċipju *in dubio pro reo*. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari fid-dawl tad-deposizzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur Walter Spiteri li ddepona *sic et sempliciter* illi huwa kien ġie mitlub mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex jipproċedi kontra l-imputat u li dwar il-każ ma jaf xejn iktar. Madanakollu kien mistenni mill-Prosekuzzjoni li tistrada u tmexxi l-proċeduri odjerni kontra l-imputat bl-għaqal u bid-diliġenza minnha mistenni fl-eżekuzzjoni tad-doveri tagħha skont il-liġi.

Wara li qieset l-assjem tal-provi, u b'mod partikolari d-deposizzjoni tar-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni Joseph Cole, il-Qorti tibda billi tqis illi hija ma sabet ebda prova dwar l-allegat nuqqas tal-kumpanija ai termini ta' dak li kien l-Artikolu 55(2) ta' l-Att dwar l-Income u/jew ir-Regola 12(1)(a) tar-Regoli dwar Tnaqqis ta' Taxxa (P.A.Y.E.), u ċioe` in-nuqqas tal-kumpanija li tibgħat il-prospetti li l-kumpanija kienet obbligata li tibgħat skont il-liġi, tant illi l-ebda referenza jew aċċenn għal dan l-allegat nuqqas ma jsir għajr fiċ-ċitazzjoni odjerna.

Illi l-Qorti tqis illi anke l-provi fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' ħlas huma monki. Il-prova li l-Prosekuzzjoni ressqet in sostenn ta' din l-akkuża tikkonsisti fix-xhieda tal-istess Joseph Cole li xehed dwar l-allegat nuqqas tal-kumpanija li tħallas is-somma ta' Lm17,626.67,6 għall-perjodu ta' bejn Ġunju u Lulju tas-sena 1987, għall-perjodu ta' bejn Frar u Diċembru tas-sena 1988 u għall-perjodu ta' bejn Jannar u Ottubru tas-sena 1989. Minn qari tal-imputazzjoni, huwa evidenti illi din hija referenza ghall-istess perjodu li fih huwa allegat li l-kumpanija naqset milli tibgħat il-prospetti relattivi. Il-Qorti għalhekk tiddubita l-fondament tad-deposizzjoni ta' Joseph Cole, u partikolarment in kwantu jirrigwarda dik is-somma li tassew naqset li tħallas il-kumpanija skont l-obbligi mposti fuqha skont il-liġi. Fi proċeduri penali bħal dawk odjerni, il-Qorti kienet tippretendi illi l-Prosekuzzjoni tressaq prospett dettaljat sorrett bi provi dokumentarji rigwardanti l-impjegati u t-tnaqqis li allegatament sar mill-pagi tagħhom, u mhux sempliċiment stqarrija ġenerika. Dan il-Qorti tirriaffermah minkejja x-xhieda tal-imputat u tad-direttur l-

ieħor John Gauci. Anke jekk dawn xehdu illi l-azzjonijisti ma kienux jibagħtu fondi suffiċjenti biex jitħallas dak dovut bil-liġi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ix-xhieda tagħhom hija tant ġenerika illi, fil-fehma tal-Qorti, ma tistax titqies bħala ammissjoni tal-imputazzjoni <u>kif dedotta</u> fil-konfront ta' l-imputat, li okkorrendo ma kkonfermax – u ma giex mitlub jikkonferma in kontro-eżami, ġialadarba għażel li jixhed - is-somma li tidher fil-komparixxi jew il-perjodi li fihom il-kumpanija naqset li tibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dak li kienet obbligata tibgħat. Anzi d-deposizzjoni ta' Gauci tagħti x'tifhem illi l-kumpanija <u>qatt</u> ma bagħtet lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dak li hija kienet obbligata tibgħat, meta jirriżulta ampjament, anke mid-deposizzjoni ta' Joseph Cole, illi dan ma kienx il-każ.

Illi l-Qorti tqis illi sabiex issib ħtija fl-imputat għall-allegat nuqqas tiegħu li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni t-taxxa mnaqqsa mill-emolumenti, għall-perjodi u s-somma ndikata fl-imputazzjoni odjerna, kien jeħtieġ illi fl-ewwel lok u preventivament jiġi ppruvat illi tassew saru ħlasijiet lill-impjegati ta' emolumenti għaż-żminijiet li jissemmew, illi tali emolumenti kienu taxxabbli ai termini tal-liġi, illi mis-salarji dovuti lill-istess impjegati li rċevew emolumenti taxxabbli tnaqqsu somom li l-kumpanija kienet obbligata tnaqqas, u li dawn is-somom il-kumpanija naqset milli tibagħthom lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, b'dettalji dwar dawn is-somom għall-perjodi indikati li jindikaw kif il-Kummissarju tat-Taxxi Interni wasal għas-somma indikata fl-imputazzjoni. Isegwi għalhekk illi la darba din il-prova ma nġabitx, u dan fir-rigward tal-intier tal-emolumenti li allegatament tħallsu lill-impjegati u mil-liema tnaqqset is-somma globali li tissemma kemm fl-imputazzjoni odjerna, kif ukoll fix-xhieda ta' Joseph Cole, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni (a)(i) u (ii) migjuba kontra tiegħu.

## <u>L-Imputazzjoni (b) – Approprjazzjoni Indebita</u>

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużat ukoll bir-reat ta' approprjazzjoni indebita ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9, u cioe` dak li fil-ġurisprudenza Taljana gie deskritt bhala *'furto improprio'*. Dan ir-reat għandu bħala karatteristika ewlenija tiegħu l-leżjoni tad-dritt tal-proprjeta` jew dritt reali ieħor mingħajr il-vjolazzjoni tal-pussess, in kwantu l-pussess tal-ħaġa jkun ingħata mill-mandant innifsu.

L-Artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien jgħid hekk fiż-żmien tal-każ odjern:

"*Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib*

*miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija ghal zmien mhux izjed minn disa' xhur:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti."*

L-Artikolu 294, imbagħad, iqis bħala ċirkostanzi aggravanti r-reat tal-approprjazzjoni bla jedd meta "*... dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu ...*", f'liema każ, l-azzjoni titmexxa *ex officio.*

Dwar dan ir-reat, ingħad hekk fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Diċembru 1959, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis**:

> "*Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni ndebita in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggetti li minnu jsir profitt indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mill-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe` minghajr ingann. Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament f'idejh haga ta' hadd iehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu.*
>
> *Ghalkemm, imhabba f'din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-ligi anqas gravi mit-truffa, iz-zewg reati ghandhom bhala karatteristika principali lezjoni tad-dritt tal-proprjeta` jew dritt reali iehor minghajr il-vjolazzjoni tal-pussess, u huma t-tnejn tal-volta maghrufa fid-dottrina bhala 'furto improprio."*

Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Bamber**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Gunju 2001, il-Qorti għamlet referenza għal dak li jgħid Manzini, fil-ktieb tiegħu *Trattato di Diritto Penale Italiano, Quinta Edizione, Volume Nono,* fejn jitkellem dwar id-delitti kontra l-patrimonju:

> *"Il possesso dell'oggetto puo` essere derivato da un mandato o da altra autorizzazione a ricevere da terzi la cosa, la proprieta' della quale spetta al mandante o autorizzante. Percio', commette appropriazione indebita l'incaricato di riscuotere denaro, o di ricevere altre cose, per conto del mandante, che faccia suo quel che ricevette. E poiche' non occorre che il possesso sia conferito all'agente dal proprietario, il reato sussiste anche quando la consegna avvenga per parte di chi che sia, in modo che, per i rapporti esistenti tra il consegnatario, e l'avente diritto su quella cosa, il primo sia obbligato a rimetterla al secondo."* [sottolinear ta' dik il-Qorti]

F'dak il-każ, il-Qorti għamlet referenza wkoll għall-Maino, fil-ktieb tiegħu *Commento al Codice Penale Italiano, UTET (Milano), 1922, vol. IV, paġna 104:*

> *"La appropriazione indebita si consuma col disporre della cosa contro la legge del patto stipulato a buona fede".* [sottolinear ta' dik il-Qorti]

Oltre dan jenħtieġ bħala element formali tar-reat, l-intenzjoni doluża ta' min iwettaq ir-reat. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminal fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Avukat Dr Siegfried Borg Cole LL.D.**, fit-23 ta' Diċembru 2003, ingħad hekk dwar l-element formali tar-reat ta' approprjazzjoni indebita:

> "*Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita, fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profitt minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Maino (op. cit. supra):*
>
> *Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara`*

*costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo… Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo.*"

Issa ai termini tal-imputazzjoni odjerna, l-imputat qed jiġi akkużat talli approprja ruħu, billi dawwar għalih, is-somma ta' Lm17,626.67,6 li huwa żamm taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha specifikat u dan għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u ta' diversi impjegati tal-kumpanija. Mill-assjem tal-provi ma jirriżultax illi l-imputat kien fil-pussess ta' xi somma kkunnsinjata lilu bl-obbligu tar-radd lura jew bl-obbligu li jsir minnha xi ħaġa specifikata u li huwa naqas milli jagħmel dan, jew illi huwa dawwar xi somma fi profitt għalih jew għal xi persuna oħra. Mill-atti l-Qorti tifhem illi l-allegazzjoni li qed issir fil-konfront tal-imputat hija illi huwa wettaq approprjazzjoni indebita billi ma ħallasx it-taxxa mill-flus li huwa rċieva mingħand l-azzjonisti tal-kumpanija in kwistjoni. Madankollu, sabiex din l-imputazzjoni tirnexxi, kien jeħtieġ illi jiġi ppruvat illi l-istess azzjonisti obbligaw lill-imputat li juża l-flus iddepożitati fil-kont tal-kumpanija fil-ħlas tat-taxxa. Minn imkien ma jirriżulta li ġie impost obbligu tali,

iżda għall-kuntrarju jirriżulta illi l-flus mibgħuta kienu jkopru l-pagi mnaqqsa mit-taxxa dovuta. Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a)(i) u (ii) u (b) miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat